MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 372/2006

Il-Pulizija
(Spettur S. Tanti)
Vs

Omissis (1)

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 t’April, 2005, ghall-habta tas-6.00 p.m., fil-poliklinika tal-Gzira :
1. bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe’ bil-vjolenza jikkommetti stupru fuq il-persuna ta’ Omissis (2), ta’ sess femminili wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tal-hati, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 198, 201(b) u l-Artikolu 202(a);

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur li fih innifsu ma kienx jikkonstitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmijin fl-Artikoli 198 sa 206 tas-sub-titolu II fuq id-delitt kontra l-paci u l-unur tal-familja w kontra l-morali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 198, 201(b) u l-Artikolu 202(a) kif ukoll l-Artikoli 198 sa 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant illiberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni akkuza, ai termini tal-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif aggravat ai termini tal-Artikolu 202(a) tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w wara li rat l-Artikolu 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu terminu ta' prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar, sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat inoltre li l-appelllant jigi skwalifikat milli jzomm il-"warrant" u jezercita l-professjoni ta' tabib ghal zmien ghaxar (10) snin ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu sabitu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-Ligi, w f'kull kaz anke jekk il-Qorti ssib htija, li tigi applikata piena aktar adegwata ghall-kaz skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' 1. li l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza immedjetament wara lki d-difiza spiccat tittratta w iddikjara biss li ma kienx qed isib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w isibu hati tat-tieni u ddikjara x' kienet il-

piena. Is-sentenza hija bah komplet , priva b' mod assolut ghall-bazi tar-"*ratio decidendi*" w inghatat minghajr hsieb u riflessjoni ftit sekondi wara li spiccat it-trattazzjoni. 2. Li l-kaz mhux pruvat skond il-ligi u l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni. Hawn l-appellant jidhol fid-dettall biex juri li l-provi li tressqu ma jwasslux ghall-dikjarazzjoni ta' htija. 3. Li l-piena inflitta hija eccessiva anki in kwantu l-appellant ma jistax jezercita l-professjoni ghal zmien ghaxar (10) snin.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-Ewwel aggravju din il-Qorti tikkondividi pjenament dak kollu li jintqal fir-rikors tal-appell. Dan hu kaz iehor fejn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali partikolari, qed tghaddi ghal sentenza fuq kaz mill-aktar serju minghajr ma taghti uqija motivazzjoni biex turi kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Di fatti il-Qorti skond il-*prime note* tal-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2006, (fol. 234) wara li saret it-trattazzjoni tad-difiza, *"Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza."* Mhux biss imma dik is-sentenza ma kellha ebda motivazzjoni kwalsiasi.

Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joslann Brignone"** [8.2.2007] :-

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-*

*sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

"*Ikkonsidrat"*

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tal-sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal*

*stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. James Grima"** [8.3.2007])

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant.

Illi t-tieni aggravju jew serje ta' aggravji jirrigwardaw biss l-apprezzament tal-fatti li setghet ghamlet (mentalment – ghax fis-sentenza ma hemm xejn) l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the*

*conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

F'dan il-kaz, fl-assenza assoluta ta' motivazzjoni, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tosservax mill-ewwel li jista' jkun hemm "*contradictio in terminis*" apparenti fis-sentenza appellata, fejn f' nifs tillibera lill-appellant mill-ewwel akkuza u fl-istess nifs issibu hati tat-tieni akkuza fuq l-istess fatti. Fil-fehma ta' din il-Qorti f' din il-kawza kollox jimpernja ruhu fuq jekk il-Qorti temminx u tistriehx fuq il-versjoni moghtija mill-pazjenta tal-appellant jew fuq il-versjoni tal-istess appellant. Jekk kellha titwemmen il-versjoni tal-pazjenta allura, din il-Qorti tasal biex tghid li mhux biss kellha tirrizulta l-ewwel imputazzjoni ukoll izda li dan kien kaz fejn koncepibbilment setghu anki jirrizultaw l-estremi tar-reat ta' ' stupru kunsmat u mhux biss ta' tentattiv ta' stupru kif dedott fl-ewwel imputazzjoni. Dan ghaliex mill-versjoni tal-pazjenta jidher li sahansitra kien hemm anki l-bidu tal-penetrazzjoni tal-membru virili tal-appellant fil-parti genitali tal-pazjenta. Pero' gjaladarba ma sarx appell mill-Avukat Generali fuq il-liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti issa trid tillimita l-ezercizzju taghha biss ghall-ezami tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti ddecidietx sew meta sabet htija tat-tieni imputazzjoni.

Illi hu minnu li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali jista' jitqies

bhala reat kompriz u involut fir-reat aktar serju ta' stupru jew dak ta' tentattiv ta' stupru w li ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet – ghar-ragunijiet maghrufa lilha biss – iddecidiet li fil-waqt li ma kienux jezistu l-estremi tar-reat ta' tentattiv ta' stupru taht l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni kienet tirrizulta pruvata. Dan legalment l-Ewwel Qorti setghet taghmlu.

Ikkonsidrat;

Li wara li ezaminat il-provi kollha w c-cirkostanzi li akkompanjaw dan il-kaz, li m' ghandhomx ghalfejn jigu ripetuti f' din is-sentenza, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet liberament u ragjonevolment emmnet il-versjoni moghtija mill-pazjenta li f' hin minnhom l-appellant hareg il-parti virili tieghu eretta u biha ghamel kuntatt mall-parti intima tal-pazjenta waqt li din kienet darha lejh, mimduda fuq il-*couch in a foetal position*, tistenna li jkompli jezaminha, wara li gie interott b' xi telefonati li kien irceva. Hu veru li l-appellant jichad li ghamel dan, pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" [9.7.2003]** *" mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux".*

Il-Qorti ghamlet dan mill-provi traskritti w thoss li hu importanti hafna f'dan il-kaz li wiehed jezamina r-rejazzjoni taz-zewg persuni involuti wara l-allegat incident.

Din il-Qorti tara li r-rejazzjoni tal-pazjenta wara l-akkadut fic-cirkostanzi hija wahda pjenament komprensibbli w kredibbli f' dak li hasset dak il-hin u kif irrejagixxiet. Wara li daret hekk kif hasset il-kuntatt inkriminat u libset u hatfet ir-ricetta u telqet il barra, bdiet tberren f' mohha x' ser taghmel u jekk tghidx lil xi hadd :

*"I went to the car and just sat for five minutes. I could not believe it. I thought "What am I going to do? Shall I just forget it?" so I called my friend."*

Iddecidiet li minnufieh tiftah qalba ma habiba taghha Omissis (3) u marret ghandha u *"we started discussing what we are going to do." "I did not know what to do, I was like ' Shall I go to the police? Shall I tell my parents?" and she said 'Calm down. We'll tell your mum. And we'll go back and we'll confront him."* u immedjetament wara marru id-dar t' ommha u qalet lill-ommha. Fuq suggeriment ta' omissis (3) iddecidew li jmorru mill-gdid il-Polyclinic biex jikkonfrontaw lil-appellant armati b' tape recorder kif fil-fatt ghamlu. Wara marru jaghmlu rapport tal-akkadut l-ghassa tal-Pulizija.

Fil-fehma tal-Qorti hu normali w sintomatiku ferm li persuna li tigi konfrontata b' sitwazzjoni simili ghal dik deskritta mill-pazjenta li ovvjament issorprendietha, li timfixel, ma tkunx taf x' ser taqbad taghmel u li tirrejagixxi kif irrejagixxiet fic-cirkostanzi. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jsahhah mhux ftit il-kredibilita' tal-pazjenta w jwassal biex din il-Qorti ikollha c-certezza morali li l-appellant verament ghamel xi haga li ttrawmatizzat lill-pazjenta, iddisturbatha serjament w spingietha biex tagixxi tempestivament kif agixxiet.

Ghal kuntrarju ir-rejazzjoni tal-appellant meta gie konfrontat mill-pazjenta w Omissis (3) b' dak li gara, xejn ma hija konvincenti. Hu kien difensiv ghall-ahhar u akkwijexxa ghat-talba ripetuta minn omissis (3) biex japologizza ghal dak li ghamel lill-pazjenta. Hu veru li hu spjega kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti li kien ghamel hekk ghax beza' ghar-reputazzjoni professjonali tieghu u biex jehles mill-pazjenta u omissis (3) li kienu qed jikkonfrontawh fil-kuridur tal-Polyclinic, pero' din ma kienetx ir-rejazzjoni li wiehed kien jistenna minn professjonista li kien qed jigi akkuzat b' att indecenti u kriminali fuq pazjenta. Wiehed kien jistenna li l-appellant kellu jiehu *"stand"* ferm aktar aggressiva w kategorika fejn jichad dak li kien qed jigi allegat u addirittura jintima lill-pazjenta u lill-habiba taghha li ser jiehu passi kontra taghhom jekk jibqghu jippersistu fl-allegazzjonijiet taghhom. Il-konversazzjoni rrekordjata invece turi atteggjament koncilatorju w apologetiku. L-

abbli difensur approva jispjega dan billi qal li l-karattru tal-appellant hu dak ta' ragel kwiet *"soft spoken"* u misthi w kien ha dak l-atteggjament biex jevita li l-incident ikompli jikber b' dannu ghar-reputazzjoni professjonali tieghu dak il-hin. Il-Qorti, anki jekk qed taghmel "allowance" ghal dan kollu, xorta mhux konvinta li r-rejazzjoni tal-appellant waqt il-konfront kienet dik ta' persuna totalment innocenti ta' dak li kien qed jigi akkuzat bih u li allura b' rabja gejja mill-"*giusto dolore*" ta' akkuza ingusta kellu jagixxi b' mod ferm differenti.

L-argumenti l-ohra kollha elaborati tad-difiza dwar x' seta' sar u ma sarx u x' seta' lahaq sar u ma sarx fil-hin li fih il-pazjenta kienet qeghdha mnezza' b' darha lejn l-appellant, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jeskludux il-possibilita' li dak li qed tallega l-pazjenta verament gara w ghalhekk ma jxejjnux il-versjoni soda, konsistenti w kredibbli tal-pazjenta. Biex ragel ghazeb – anki tabib - li qed ihares lejn tfajla zaghzugha mnezza' mill-qadd l' isfel, jigieh hsieb hazin u jkollu erezzjoni ma jridx wisq, sekondi. Biex inizzel iz-zipp u jesponi l-membru virili tieghu minn gol-qalziet ta' taht ma hemmx bzonn aktar minn sekonda, tnejn u biex meta jigi magemb il-*couch* jipprova jmissu mall-parti intima tal-pazjenta kif kienet fil-*"foetal position"* darha lejh dak il-hin ma hemm xejn impossibbli, improbabbli jew inverosimili fic-cirkostanzi.

Dwar l-argument jekk ghandhiex titwemmen il-pazjenta fl-allegazzjoni taghha li tabib ta' kwazi ghoxrin sena esperjenza kien ser jirriskja l-karriera tieghu professjonali b' dak il-mod, hija domanda li jista' jwegibha biss l-appellant. Pero' kullhadd jaf li fejn jidhol is-sess, jigu mumenti ta' debbulizza fuq kullhadd u kullhadd jista' jizbalja xi darba jew ohra, kulltant anki f' cirkostanzi fejn kollox jissuggerixxi agir differenti. Ghalhekk anki dan l-argument ma jreggix.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha ma setghetx legalment u ragjonevolent tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, fejn ghall-inqas sabet lill-appellant hati ta' attentat vjolent ghall-pudur tal-pazjenta.

Ghalhekk l-aggravji kollha dwar is-sejbien ta’ htija dwar it-tieni imputazzjoni qed jigu respinti.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’ jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex ghalkemm il-piena massima karcerarja kontemplata fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali hija dik ta’ sena prigunerija, l-istess artikolu fil-proviso jghid li fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad. Skond dan l-ahhar imsemmi artikolu wiehed mill-kazijiet fejn hi applikabbli din iz-zieda fil-piena hu meta l-hati jkun inqeda’ bil-kwalita’ tieghu ta’ ufficjal pubbliku, kif indubbjament kien l-appellant bhala tabib impjegat bhala “*general practitioner*” fit-taqsima tal-“*primary health care*” tad-Dipartiment tas-Sahha sa mit-18 ta’ Frar, 1985. (ara xiehda ta’ Omissis (4) fols 6 u 7). Ghalhekk skond l-artikolu 31 (1) (b) (x) u (xi) il-piena massima karcerarja kienet dik ta’ tmintax il-xahar erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm sospiza.

Din il-Qorti ma tarax li hemm lok ghal xi riduzzjoni fil-piena konsidrat is-serjeta’ tal-kaz, anki jekk l-appellant huwa incensurat.

L-Ewwel Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni biex tiskwalifika lill-appellant milli jzomm *warrant* u jezercita l-professjoni ta’ tabib , skond l-artikolu 30, ordnat ukoll li l-appellant jigi skwalifikat milli jzomm *“warrant”* u jezercita din il-professjoni tieghu ghall zmien ghaxar snin. Din l-ordni wkoll hija pjenament skond il-ligi u din il-Qorti, f’ dan l-istadju ma tarax li ghandha tvarjha, salv dejjem id-dritt tal-appellant, li fil-futur, ikun liberu li jagixxi kif jipprovdi s-sub-artikolu (2) tal-artikolu 30 tal-Kap.9, jekk ihoss li hu l-kaz u salv id-dritt tal-Qorti li tiddeciedi konformament ma xi talba simili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tordna li tibqa' ssehh il-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tax-xhieda w tal-akkuzat moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-4 t'Awissu, 2005 fejn gie ordnat id-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem l-akkuzat u dawk tax-xhieda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------